**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 18 ta' Ottubru, 2016**

**Rikors Guramentat Numru:- 44/2014JVC**

**Joseph Camilleri u Costantino Camilleri u b'digriet tal-5 ta' Mejju 2015 il-gudizzju gie trasfuz minn fuq isem Costantino Camilleri ghal fuq isem Joseph Emanuel Camilleri**

**Vs**

**Agostina Cascun u Giorgia Cassar**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fejn l-atturi ppremettew:-

1. Illi ohthom Josephine Axiak, gia armla ta' Mikieli Axiak, gia pensjonanta, bint il-mejtin George Camilleri u Grazzja nee' Farrugia, imwielda f'Victoria Ghawdex fl-erbgha u ghoxrin (24) t'April tas-sena elf disa' mija u sitta u ghoxrin (1926), u kienet residenti f'Victoria, Ghawdex (Karta ta' Identita Numru: 263269(G)), mietet f'Victoria Ghawdex, fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) ;

2. Illi bit-testment taghha fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), hija nnominat lill-intimati eredi universali taghha fi kwoti ugwali bejniethom ;

3. Illi l-esponenti ghamlu zmien konsiderevoli qabel il-mewt tad-decujus jipprestawlha servigi u kuri u assistenzi fil-bzonnijiet taghha kollha, u b'mod specjali r-rikorrenti kienu jorqdu maghha kuljum, hlief ghall-ahhar sena, jaraw ghall-bzonnijiet taghha matul il-lejl u kemm-il darba jqandluha meta hija taqa' jew ma tkunx kapaci tidhol lura fis-sodda. Barra minn dan, Guzepp Camilleri kien anki jitmaghha ta'

sikwit. Min-naha tieghu, Costantino Camilleri ghamel zmien twil jikkura kawza li fiha l-istess Josephine Axiak kienet involuta ma' huha iehor Anthony Camilleri, inkluz billi jaghmel sighat twal jistenna biex jikkonsulta mal-avukat taghha. Dan barra servigi ohra kif sejjer jigi ppruvat fid-dettal matul il-kawza. Dan kollu dejjem minghajr hlas izda bil-weghda tal-kumpens finali ;

4. Illi l-esponenti jridu jithallsu ta' dawn is-servigi;

5. Illi l-konvenuti odjerni gew interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas ta' dawn is-servigi permezz ta' ittra nterpellatorja datata tmintax ta' Marzu 2014, u ittra ufficjali ta' Mejju 2014, Ittra Nru. 210/2014, izda l-intimati baqghu jirrifjutaw illi jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tas-servigi rezi.

Talbu lil dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-atturi rrendew servigi, kuri u assistenzi lil Josephine Axiaq, li taghha huma eredi universali, ghal zmien twil;

2. Tiddikjara li huma haqqhom kumpens gust ghal dan ix-xoghol taghhom;

3. Tillikwida l-ammont dovut mill-konvenuti lill-atturi;

4. Tikkundannahom ihallsu dan l-ammont kif hekk likwidat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri tat-tmintax ta' Marzu 2014, u ittra ufficjali tal-Mejju 2014 kontra taghhom.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni, li ghaliha minn issa huma msejha.

Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li eccepew:

i. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 u dan limitatament ghall-perjodu li jmur oltre l-ahhar hames snin qabel ma mietet Josephine Axiaq;

ii. Illi fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana peress li ma huwiex minnhu li l-atturi rrendew servigi, kuri u assistenzi lil Josephine Axiaq. Infatti hekk kif iddikjarat mill-istess Josephine Axiaq innifisha fl-ahhar testment taghha kienu l-konvenuti li kienu qed jipprestawlha s-servigi, kuri u assistenzi li kellha bzonn u kien ilhom jaghmlu dan ghal diversi snin qabel.

Salv eccezzjonijiet fil-fatt u fid-dritt.

Rat ix-xhieda, dokumenti, affidavits u l-provi kollha mressqa fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-20 ta' April, 2016, il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti l-kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija kawza ghall-hlas ta' servigi, kuri u assistenzi allegatament moghtija mill-atturi Joseph Camilleri u Costantino Camilliri (it-tnejn baqghu guvintur pensjonanti) ma' ohthom mejta Josephine Axiak u li giet nieqsa nhar l-24 ta' Dicembru, 2013. Fil-mori tal-kawza gie nieqes l-attur Costantino Camilleri u l-atti gew trasfuzi f'isem l-eredi tieghu, neputieh Joseph Emanuel Camilleri. L-atturi jsostnu li ghall-perjodu ta' madwar hames snin qabel mewtha u f'xi mumenti jsemmu wkoll seba' snin, huma rrendew servigi lil ohthom Josephine Axiak billi kienu jorqdu maghha kuljum, jaraw ghall-bzonnijiet taghha matul il-lejl u kemm-il darba jqandluha meta hija taqa' jew ma tkunx kapaci tidhol lura fis-sodda. Joseph Camilleri jsostni wkoll li kien jitmaghha kuljum. Min-naha tieghu, illum mejjet Costantino Camilleri allega li kien ghamel zmien twil jiehu hsieb kawza li fiha l-istess Josephine Axiak kienet involuta ma' huha iehor Anthony Camilleri (ukoll fuq hlas ta' servigi li gew dikjarati dovuti minn Josephine Axiak lil Anthony Camilleri), fosthom billi kien jaghmel sighat twal jistenna biex jikkonsulta mal-avukat taghha.

Illi da parti taghhom il-konvenuti huma l-eredi universali ta' Josephine Axiak ai termini tal-ahhar testment taghha redatt gurnata qabel il-mewt taghha u esebit a fol. 9 tal-process. Skont l-istess testment l-atturi thallew b'titolu ta' legat nofs indiviz tad-dar ta' residenza tad-decujus bl-isem Australia House, Viva Santa Maria, Triq Qasam San Gorg, Victoria, Ghawdex. Skont ix-xhieda tal-istess attur Joseph Camilleri nofs il-valur ta' din il-binja jammonta ghas-somma ta' hamsin elf Liri Maltin (Lm50,000) ekwivalenti ghal mija u sittax il-elf Euro (€116,000). Fit-testment imkien ma jissemma li l-legat imholli lill-atturi huwa xi wiehed remuneratorju. Fil-bqija id-*decuius* innominat lill-konvenuti taghha bhala l-eredi universali taghha :

*'bhala rikonoxximent tal-kuri, sergivi u assitenzi li huma lhom jaghmlu maghha ghal diversi snin u bil-patt li jiqbghu dawn il-kuri, servigi u assistenzi lit-testatrici sal-gurnata ta' mewtha.'*

Illi skont ittra ufficcjali bin-numru 210/2014 esebita fl-atti a fol. 6 u datata 30 ta' April, 2014 dwar dawn is-servigi l-atturi ddikjaraw kif isegwi:

*'Dawn is-servigi jikkonsistu filli l-mittenti kienu kontinwament ghas-servizz tal-imsemmija Axiak, jorqdu maghha kuljum, hlief ghall-ahhar sena meta mbaghad bdejtu torqdu maghha intom, jaraw ghall-bzonnijiet taghha matul il-lejl, u kemm-il darba jqandluha meta hija taqa' jew ma tkunx kapaci tidhol lura fis-sodda taghha. Barra minn hekk Guzepp Camilleri kien anki jitmaghha ta' sikwit. Dan barra xoghlijiet ohra li d-dettalji taghhom jistghu jigu pprovduti fi stadju ulterjuri.*

*Bhala kumpens ghal dawn is-servigi, il-mittenti jhossu li mizerjament haqqhom kumpens ta' sittax-il elf euro (€16,000) fis-sena, bejniethom – li jigu ghall-figura ta' tmenin elf euro (€80,000) komplessivament.'*

Il-konvenuti da parti taghhom fl-eccezzjonijet taghhom qajmu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' hames snin (art. 2156 (f) Kap. 16) u jeccepixxu wkoll li l-ebda ammont ma huwa dovut stante li kienu l-konvenuti stess li rrendew servigi, kuri u assistenzi lid-*decuius* fl-ahhar snin ta' hajjitha u mhux l-atturi u dan kif, skont l-istess konvenuti, gie dikjarat fl-ahhar testment taghha esebit a fol. 9 tal-process.

**Preskrizzjoni**

Illil minn dak espost fl-ittra ufficcjali taghom datata 30 ta' April, 2014 jirrizulta lil din il-Qorti li l-pretensjoni tal-atturi tmur lura ghall-perjodu ta' hames snin (€16,000 fis-sena ammontanti ghal €80,000) ghalkemm f'partijiet mix-xhieda jsemmu anki l-perjodu ta' seba' snin. Dan dejjem kif allegat minnhom. Jekk mid-data tal-ittra ufficcjali wiehed imur lura hames snin jasal sad-data tat-30 ta' April, 2009. Dan ifisser perjodu ta' erba' snin u tmien xhur sal-mewt ta' Josephine Asciak. Jirrizulta ghalhekk li kwalunkwe pretensjoni tal-atturi antecedenti ghal dan il-perjodu u cioe' qabel id-data tat-30 ta' April, 2009 hija preskritta. L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ghalhekk jisthoqqilha li tigi milqugha limitatament ghall-perjodu kollu u l-pretensjonijiet kollha tal-atturi antecedenti ghad-data tal-30 ta' April, 2009.

**Gurisprudenza**

Illi fil-kuntest tal-kawza odjerna din il-Qorti sabet ferm interessanti l-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell fid-decizjoni fl-ismijiet **Frances Mizzi et vs. Rose Ann Galea et** deciza nhar it-2 ta' Mejju, 2016 fejn fl-aktar partijiet saljenti taghha jinghad kif isegwi:

*'47. F'dan l-appell din il-Qorti hi msejha tiddeciedi jekk certu dispozizzjonijiet testamentarji tad-decuius Margaret Farrugia favur l-atturi appellanti jikkostitwux legati remuneratorji bhala kumpens ghas-servigi li pprestawlha l-istess atturi appellanti matul hajjitha jew le.*

*48. Din il-Qorti tistqarr mill-ewwel li ma taqbel xejn mal-ewwel Qorti illi "jidher ovvju li l-intenzjoni kienet illi Farrugia xtaqet tikkumpensa lill-atturi ghal dak li kienu qed jaghmlu maghha b'dan il-mod, minkejja li ma saret ebda referenza ghal dan fl-istess testmenti." u dan principalment ghaliex l-Artikolu 705 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) kif ukoll il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati matul is-snin jghamluha cara illi sabiex legat testamentarju jista' jitqies bhala rimuneratorju dan irid jirrizulta bic-car u espressament mit-testment u mhux minn provi barranin. Irid ghalhekk jirrizulta mid-dispozizzjoni testamentarja li hemm l-element ta' korrispettivita' u mhux sempliciment ir-rieda li tiggratifika b'att ta' liberalita'. Ma jistax jigi prezunt li legat imholli favur persuni li pprestaw servigi lid-decuius matul hajjitha jikkostitwixxi legat remuneratorju, partikolarment meta fit-testment stess ma*

*hemm l-ebda indikazzjoni li d-decuius fil-fatt iddeciediet li thalli dak il-legat favur dawk il-persuni sabiex tikkumpensahom ghas-servigi li irrendewlha matul hajjitha.*

*49. Di fatti l-Artikolu 705 tal-Kodici Civili jipprovdi:*
*"705. (1) Jekk it-testatur, minghajr ma jsemmi d-dejn tieghu, ihalli legat lill-kreditur tieghu, dan il-legat ma jitqiesx maghmul bi hlas tad-dejn lejn il-legatarju.*
*(2) Il-legat imholli lis-seftur ma jitqiesx maghmul bi hlas ta' dak li huwa jkollu jiehu bhala salarju."*

*50. Margerita Farrugia, li tigi z-zija ta' missier l-atturi appellanti, mietet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar elfejn u sitta (2006). Hija ghamlet zewg testmenti. L-ewwel testment sar fil-21 ta' Settembru 1995 fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani. F'dan l-ewwel testment, Margerita Farrugia halliet lill-atturi appellanti bejniethom prelegat tan-nofs indiviz mid-dar residenzjali taghha fi Triq Marsalja, Sannat minghajr kwalifika ta' xejn, u stitwiethom ukoll bhala ko-eredi taghha ghal kwart (1/4) indiviz mill-bqija tal-beni taghha. Kif inghad hawn fuq, Margerita b'ebda mod ma rabtet il-prelegat imsemmi ma' xi turija ta' rikonoxximent lejn l-atturi appellanti. Lanqas ma hemm dikjarat fit-testment li dak kien xi legat rimuneratorju.*

*51. Bit-tieni testment tat-2 ta' Settembru 2002 Margerita Farrugia hallitilhom legat iehor tal-kwota ereditarja spettanti lilha mill-wirt ta' kuginitha Nicolina Farrugia. Kif kien il-kaz fl-ewwel testment taghha, it-testatrici ma rabtet dan il-prelegat imsemmi ma' ebda turija ta' rikonoxximent lejn l-atturi appellanti u lanqas ma hemm dikjarat fit-testment li dak kien xi legat rimuneratorju.*

*52. Fid-dawl tal-premess, ghalhekk, din il-Qorti ma ssibx li l-ligi u l-provi jissostanzjaw l-allegazzjoni li d-decuius halliet il-proprjetajiet imsemmija sabiex tikkumpensa lill-atturi appellanti ghas-servigi li huma rrendewlha matul hajjitha.*

*53. In vista tal-konkluzzjoni appena raggunta din il-Qorti ser tipprocedi sabiex tillikwida l-ammont ta' kumpens li huwa dovut lill-atturi appellanti ghas-servigi li gew resi minnhom lid-decuius Margharet Farrugia. Dan ghaliex mill-provi prodotti, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, m'ghandha l-ebda dubju illi l-atturi appellanti fil-fatt ipprestaw servigi lil Margerita Farrugia fl-ahhar snin ta' hajjitha u li kellhom l-intenzjoni li jigu kkumpensati ghall-istess servigi. Konsegwentement "haqqhom li jigu ikkumpensati" ghal dawn l-istess servigi.*

*54. Fuq il-materja tal-likwidazzjoni tas-servigi hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna u dawn diversi rritenew illi meta Qorti tigi biex tillikwida l-ammont ta' kumpens dovut lill-persuna li rrendiet is-servigi, hi ghandha zzomm f'mohha:*

- *Il-frekwenza u x-xorta tas-servigi;*
- *Il-mezzi tal-persuna li bbenefikat mill-prestazzjonijiet; u*
- *Il-parentela ta' dawk li rrendew is-servigi mal-persuna li rceviet is-servigi resi.*

*55. Konsiderazzjonijiet ohra li gieli gew konsidrati mill-Qrati taghna huma jekk il-qaddejja jkiddux l-istess sahhithom biex jaqdu lil haddiehor, jekk humiex affarijiet li mhux kulhadd kapaci jidhol ghalihom, u jekk il-qaddejja jinkorrux spejjez li taghhom ma jkunux gew rimborsati fil-mument tal-hrug taghhom.*

*. . . . 59. Is-servigi li kienu jipprestaw l-atturi appellanti lil Margerita Farrugia kienu diversi. Huma kienu jitimghuha, jahsluha, jbiddlulha u jnaddfuha, jahslulha l-hwejjeg, jorqdu maghha, iqattghu hin matul il-gurnata maghha. . .*

*60. Mill-provi prodotti rrizulta wkoll illi omm l-atturi appellanti wkoll gieli kienet issajrilha lil Margerita Farrugia u tahslilha hwejjigha.*

*61. Inoltre missier l-atturi kellu prokura minghand Margerita Farrugia u kien jiehu hsieb isarrfilha c-cekk tal-pensjoni u tal-mard li hija kienet tircievi fix-xahar.*

*62. Barra minn hekk, l-ispejjez ghall-ikel, hwejjeg, affarijiet personali, medicini u ghall-visti tat-tabib hargu minn but l-atturi appellanti. . . . .*

*Konsiderazzjonijiet Ohra*

*67. Din il-Qorti hija tal-fehma illi fil-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-atturi appellanti, hi ghandha wkoll tikkonsidra s-segwenti:*
- *Il-livell kbir ta' impenn u dedikazzjoni tas-servizzi pprestasti mill-atturi appellanti;*
- *Il-fatt illi s-servigi rezi kienu ta' importanza kbira ghal Margerita Farrugia tant li ppermettew lil Margerita Farrugia tibqa' d-dar kif xtaqet u ma tintbaghtx l-isptar.*
- *Il-fatt illi l-atturi appellanti kienu lesti biex jissagrifikaw hafna hin mill-hajja taghhom sabiex jipprestaw is-servigi lil Margerita Farrugia;*
- *Il-fatt illi s-servigi li gew rezi mhumiex affarijiet li kulhadd kapaci jidhol ghalihom;*

*Il-fatt li l-atturi appellanti keddew sahhithom biex jaqdu lil Margerita Farrugia;*
*Il-fatt illi l-livell ta' servigi li rrendew l-atturi appellanti lil Margerita Farrugia kien ta' certu kwalita' u kien komparabbli ma' tal-isptar jekk mhux ahjar.*
*Il-fatt li l-atturi appellanti hargu spejjez minn buthom li taghhom ma kienux gew rimborsati fil-mument tal-hrug taghhom. . . . .*

*69. Din il-Qorti ma hix tal-fehma li, kif talbu l-atturi appellanti, illi l- kumpens ghas-servigi ghandu jkun a bazi ta' salarji prevalenti fiz-zmien in kwistjoni ghaliex kif gia' gie ritenut ir-relazzjoni guridika bejn il- partijiet m'hijiex wahda kuntrattwali izda kwazi-kuntrattwali.*

*70. Fil-fehma ta' din il-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz odjern u tal-kriterji hawn fuq imsemmijin li gew stabbiliti fil-gurisprudenza tal-Qrati Maltin, l-ammont ta' kumpens li huwa dovut lill-atturi appellanti ghandu jkun dak ta' sebghin Euro (€70) fil-gimgha kull wiehed. Dan ifisser illi b'kollox l-ammont ta' kumpens li huwa gust li jinghata lill-atturi appellanti flimkien huwa dak ta' mija u erbghin Euro (€140) fil-gimgha.*

**Mertu**

Illi fil-mertu jirrizultaw lill-Qorti l-fatti kif hawn elenkati:

1. Illi Josephine Axiak kisret saqajha b'mod gravi fis-sena 2008 fejn dak iz-zmien kellha 82 sena (ara fost ohrajn ix-xhieda ta' Dr. Susanne Vella (fol 37 u 227). Ma jidhrix li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet li Josephine Asciak damet perjodu ta' madwar sentejn sabiex hija rkuprat u regghet bdiet timxi anki jekk bl-ghajnuna tal-'frame';

2. L-atturi jsostnu li kien fil-mument li Josephine Axiak kisret sieqa fis-sena 2008 li huma dahlu jghixu maghha sabiex skont huma jiehdu hsiebha billi jorqdu maghha. Sa mis-sena 2007 l-attur Costantino Camilleri izda kellu prokura ta' ohtu f'ismu mal-Bank (fol. 234) Irrizulta mill-provi migbura fl-atti li tul is-snin kollha sakemm hija giet nieqsa l-attur Costantino Camilleri kien jorqod, fid-dar tal-mejta, f'sodda fis-sular t'isfel taht it-tarag filwaqt li Joseph Camilleri kien jorqod f'kamra tas-sodda fis-sular ta' fuq. Tista' tghid li fl-atti kull xhud li xehed dwar fejn kienu jorqdu l-atturi qabel fuq dan il-punt. Fi kliem l-istess attur Joseph Camilleri li xehed in kontro-ezami (fol. 83),

Costantino Camilleri innifsu ma kien jiflah xejn u li ghajr ghall-ghajnuna li hu kien jaghti lil Josephine Asciak fil-kawza kontra ohtu (li nqatghet fis-sena 2012), skont Joseph Camilleri kien hu li kien jaghti l-ghajnuna fizika fid-dar lil Josephine Asciak fosthom li jerfaghha meta taqa' (bejn hames u seba' darbiet), iqandilha meta jkun hemm bzonn stante li ghalkemm sa ftit xhur qabel mietet kienet ghadha fuq saqajha skont hu hija kienet isserrah mieghu anki sabiex tasal sal-kcina u kien ukoll ta' kuljum jaqlibilha l-ikel fil-platt sabiex tiekol f'nofsinhar. Mill-ikel li kien jibqa' l-attur Joseph Camilleri ma jikkontestax li dan kien jiehdu ghall-klieb tieghu;

3. Dwar l-allegazzjoni tal-atturi li Costantino Camilleri kien irendi servigi lil Josephine Asciak fir-rigward ta' kawza bin-numru 60/2008 PC tista' tghid li ghajr ghal dak li jixhed fl-affidavit tieghu Costantino Camilleri (a fol. 29) tal-process u li ma' tieghu ma setax isir kontro-ezami stante li lahaq miet, ma tressqu l-ebda provi ultejruri dwar il-konsistenza ta' tali servigi. Jirrizulta lil din il-Qorti li l-kawza nfethet fis-sena 2008 u ghalhekk kwalunkwe servigi li setghu gew rezi mill-attur sad-29 ta' April, 2009 gia gew dikjarati preskritti. Dwar is-servigi li l-attur Costantino Camilleri seta' rrenda lid-*decujus* b'referenza ghal din il-kawza wara d-data tad-29 ta' April, 2009, li skont l-affidavit tieghu giet deciza nhar is-7 ta' Frar, 2012, ma tressqu l-ebda provi ghalkemm dawn facilment setghu gew esebiti ghax dokumentati bhal per ezempju verbali ta' kemm-il darba l-attur deher il-Qorti u atti li setghu gew esebiti minnu ghan-nom tad-*decuius*.

Illi apparti minn hekk izda ma jidhirx li huwa kontestat mill-konvenuti li ghal zmien twil u wkoll fil-mori ta' dik il-kawza, kien Costantino Camilleri li kellu prokura a favur tieghu da parti ta' Josephine Asciak u hadd aktar inkluz prokura mal-bank (fol. 234). Izda anki fuq dan il-punt ma tressqu l-ebda provi dwar kemm-il darba l-istess Costantino Camilleri seta' rrenda xi servigi lil ohtu billi per ezempju mar il-bank biex jigbed il-flus jew isarraf. Min-naha l-ohra l-konvenuti jallegaw li mid-dokumenti tal-Bank of Valletta esebiti a fol. 244 et seq tal-process jirrizulta, skont huma, li hadd ghajr Costantino Camilleri ma kien fil-posizzjoni li japproprja ruhu mis-somma ta' madwar mitt Elf Euro (€100,000) u fuqhom li naqset tul is-snin li huwa kellu l-prokura mill-fondi ta' Josephine Asciak. Il-Qorti izda tqis li lanqas tressqet ebda prova fl-atti li tevidenzja jekk il-'withdrawals' li saru tul is-snin (b'mod partikolari meta Josephine Asciak kienet fil-posizzjoni li timxi cioe' bejn

il-perjodu 2010 sal-2012) kienux saru minnha stess jew mill-prokuratur. Ghalhekk tqis tali allegazzjoni bhala mhux pruvata daqs kemm ma giex pruvat lilha l-konsistenza tas-servigi allegatament moghtija lil Josephine Asciak minn Costantino Camilleri;

4. Illi dwar l-allegazzjoni tal-atturi li huma kienu jorqdu fid-dar ta' ohthom sabiex ikunu ta' assistenza ghaliha f'kaz li tigi bzonn, il-Qorti tqis li hareg ampjament pruvat fl-atti b'mod partikolari mix-xhieda u l-kontro-ezami tal-konvenuti (fol. 121, 124 u kontro-ezamijiet fol. 299 u 3030) l-irgiel taghhom (Maurice Cascun fol. 128 u 284 u George Cassar fol. 129 u 294), apparti xhieda ta' girien (fosthom Sonia Attarf fol 167 u 267), nurse Miriam Saliba (fol. 131), tobba b'mod partikolari Dr. Joseph Farrugia (fol. 45 u 219), il-*helper* Rosie Gauci (Fol. 179) u l-Monsinjur Rosario Borg (Fol. 22 u 136) illi ghalkemm verament Costantino Camilleri kien jorqod fid-dar tal-mejta dan da parti tieghu ghajr li jara t-televizjoni u se mai jghid erba' kelmiet ma' ohtu ma kien jaghmel xejn aktar anki ghaliex sahhtu kienet baghtuta wkoll. Irrizulta wkoll mill-istess xhieda li l-attur Joseph Camilleri ghalkemm verament kien jorqod hemm huwa ma kienx jaghmel wisq ghal Josephine Axiaq ghajr ghal ftit drabi fejn seta' ghen biex hija tqum jekk taqa', bhalma huwa mistenni li taghmel kull persuna li jsib lil xi hadd li waqa' quddiemu specjalment meta din tkun ohtu. Fil-bqija jirrizulta lil din il-Qorti li l-konvenuti Agostina Cascun u Giorgia Cassar, b'dedikazzjoni kbira, b'sagrificcju tal-hin taghhom mal-irgiel taghhom u mal-familja, kienu ghamlu ftehim bejniethom lura fis-sena 2008 u cioe' meta d-decujus kisret sieqha sabiex jaqsmu l-hin taghhom tul il-gimgha kollha biex b'hekk Josephine Axiak fl-ebda hin ma tithalla waheda, lanqas bil-lejl u ma jkollhiex ghalfejn tingabar f'dar tax-xjuh. Fil-fatt huwa l-istess Joseph Camilleri li fil-kontro-ezami tieghu ma jichadx li ghal dan il-perjodu kollu, kull hin tal-gurnata kien ikun hemm xi hadd mill-konvenuti d-dar ma' Josephine Axiak u li kienu anki jitqassmu biex jorqdu maghha, f'sodda fl-istess kamra taghha (ara xhieda tal-istess attur a fol. 90 fejn jammetti li daqqa tigi wahda u daqqa tigi l-ohra b'referenza ghall-konvenuti). Jista' jkun li dan kollu l-konvenuti kienu qed jaghmluh b'tant dedikazzjoni ghaliex jirrizulta li l-mejta mill-ewwel kienet ghamlitha cara li ser tikkumpensahom ta' dak li kienu qed jaghmlu maghha stante x-xewqa taghha li tmut id-dar u mhux f'dar tax-xjuh, izda fi kwalunkwe kaz jirrizulta lil din il-Qorti li l-konvenuti zammew kelmithom u damu jduru maghha sal-gurnata tal-mewt;

5. Illi jirrizulta mill-provi li tressqu quddiem din il-Qorti, kif ukoll mhux kontestat mill-attur Joseph Camilleri nnifsu, li t-tisjir kien isir mill-konvenuti, kienu l-konvenuti li kienu jnaddfu, jahslu u jbidlu, lil Josephine Asciak jekk mhux in-nurse fl-ahhar ftit xhur, kienu jiehdu hsieb li tiehu l-pirmli li kellha bzonn, kienu l-konvenuti wkoll li jahslu l-hwejjeg u l-lozor, inkluz il-lozor li fuqhom kienu jorqdu l-atturi u kienu wkoll in generali jaqdu l-bzonnijiet ta' kuljum tad-dar ghal Josephine Axiak bhal li jmorru jixtru u jigbru l-pirmli. Dan apparti li kienet tmur helper ghal ftit sieghat darbtejn fil-gimgha li xogholha kien principalment li tnaddaf id-dar mhux il-kura personali ta' Josephine Asciak liema kura hija tikkonferma li kienu jiehdu hsieb il-konvenuti (ara x-xhieda ta' Rose Gauci a fol. 179). Il-konvenuti kienu wkoll jiehdu hsieb li jsejhu t-tobba jekk ikun hemm bzonn ghalkemm tressqu provi li kien hemm xi okkazzjonijiet fejn dawn setghu ssejhu mill-atturi b'mod partikolari minn Joseph Camilleri. La darba tista' tghid kienu jghixu fid-dar tad-*decujus* wiehed ma jistenniex li jekk jaraw li din ghandha bzonn tabib ma jaqbux telephone u jcemplulu!

6. Illi izda rrizulta wkoll lil din il-Qorti li ghalkemm l-attur Joseph Camilleri jsostni li kien iqatta hafna hin ma' ohtu anki waqt il-gurnata, fil-fatt dan ma jirrizultax li huwa minnu. Diversi xhieda fosthom l-istess konvenuti, il-gara Sonia Attard (fol 167 u 267), l-irgiel tal-konvenuti kif ukoll Carmelo Camilleri (fol. 50) u Michael Angelo Camilleri (fol. 60) lkoll iddeskrivew lil Joseph Camilleri bhala persuna bla pacenzja u li ma tantx kien jissaporti gewwa. Li l-attur Joseph Camilleri huwa persuna bla pacenzja u li taqbizlu malajr ikkonstatatu din il-Qorti stess fis-seduta quddiemha tant li mhux l-ewwel darba kien jitlaghlu u din il-Qorti kien ikollha tkeccieh 'il barra biex tkun tista' tkompli l-kawza. In vista ta' dan il-Qorti ma temminx li Joseph Camilleri kien iqatta' granet shah fejn ohtu izda temmen il-verzjoni tal-konvenuti li ftit li xejn kien ikun hemm ghalkemm jirrizulta li verament f'certu hin lejn nofsinhar kien imur bil-landa tal-kelb, jaqleb l-ikel li jkunu ghamlu l-konvenuti sabiex ohtu tiekol wahida u li jibqa' kien jiehdu ghall-kelb. Filghaxija kien jidhol xi drabi anki xurban u jmur jorqod fil-kamra fuq. Bhala kumpanija se mai jirrizulta li aktar kien Costantino Camilleri li jibqa' gewwa milli Joseph Camilleri u dan ghaliex sahhtu ma kinitx tippermettilu wisq.

7. Illi dwar l-animu li bih l-atturi kienu dahlu jghixu ma' ohthom fid-dar taghha jirrizulta ampjament pruvat lil din il-Qorti li d-dar ta' Josephine Axiak kienet ferm aktar komda u mghammra bil-kumditajiet kollha

mill-garaxx li ma hemmx kontestazzjoni kienu jghixu fih l-atturi (u dan ghalkemm Costanino Camilleri kellu wkoll residenza li izda ma kienx jista' juza minhabba t-tarag li kien fiha - ara kontro-ezami tal-konvenuti u l-irgiel taghhom). Jirrizulta wkoll li l-atturi dahlu jghixu ma' ohthom fil-mument li hija sfat ruhha armla allura seta' jkollhom aktar pussess fuqha minn qabel u dan b'mod partikolari ghal Castantino Camilleri li jirrizulta minn kliem il-konvenuti li kellu certu kontroll fuq l-istess Josephine Axiak. Dan il-kontroll li l-atturi kienu jezercitaw fuq Josephine Axiak jirrizulta wkoll mill-fatti li Josephine Axiak irredigiet madwar tnax-il testment f'perjodu ta' ftit snin (kif jammetti l-istess attur fil-kontro-ezami tieghu (fol. 83) hafna drabi fuq direzzjoni ta' Costantino Camilleri jew tal-istess Joseph Camilleri kif ukoll mill-fatt li meta Josephine Axiak fis-sena 2013 riedet taghmel prokura favur il-konvenuti ghaliex Costantino ma kienx ghadu jiflah, l-attur Joseph Camilleri insista li jkun hemm prokura f'ismu wkoll (fol. 235, 236 u 237). L-istess Joseph Camilleri dwar testment partikolari jixhed kif isegwi:

'*Ara kemm hu hekk, jien kont ghamilt testment jiena, hadtha fuq saqajha, haduni huma stess, dawwret kollox fuqi. Imbaghad tie hija Kostanzinu l-mejjet. Rega' ghamilli trick f'nofsinhar sabni rieqed, u rega' ha nutara ohra u ghamel testment kif ried hu.'* (kontro-ezami a fol. 83 et seq)

Illi l-istess Joseph Camilleri xehed quddiem din il-Qorti li dak li suppost huwa kien qed jaghmlu ma ohtu ma kienx bil-hsieb li hija thallsu kif isegwi (fol. 88):

'Avukat Dottor Deborah Mercieca: *Jigifieri inti kont qed taghmel dan m'ohtok ghax tirrispetaha u thobbha.*
Xhud: *Mhux hekk.*
… Xhud: *Hekk hu, hekk hu, mela.*
Avukat Dottor Deborah Mercieca: *Jigifieri inti f'xi mument ghidtilha: "Pepp, jiena qed niehu ħsiebek bil-patt u bil-kundizzjoni, li jien irrid nithallas ta' dan ix-xogħol."*
Xhud: *Le, lilha qatt ma ghidtilha jien. Qatt ma ghidtilha hekk jien.*
Avukat Dottor Deborah Mercieca: *Qatt ma ghidtilha hekk. Jigifieri inti, ara nkunx qed nifhmek sew, li inti ghamilt li ghamilt, jew li qed tghid li ghamilt ma' ohtok ghax dik ohtok, int irrispettajtha u hassejt li int kellek bzonn tghinha. Jigifieri inti f'dak il-mument li kont qed taghmel dawk l-affarijiet, ma kontx qed tippretendi hlas.*

Xhud: *Imma l-affari kif ġiet issa dan l-ahhar, kif ghamlu eredi ta' kollox huma, allura jien irrid nithallas hu.*
Avukat Dottor Deborah Mercieca: *Iva. Imma inti mbaghad ...*
Xhud: *Mhux jiehdu kollox ta' xejn huma.*
Avukat Dottor Deborah Mercieca: *Inti mbaghad ma hadtx pjaċir ...*
Xhud: *Ghax kulma bidlu harqa jew?!*
….
Avukat Dottor Deborah Mercieca: *Iva, ok. Inti t-testment jidhirlek li ma sarx sew.*
Xhud: *Le ma kienx sewwa.*
Avukat Dottor Deborah Mercieca: *U li Wina u Gina ma kellhomx jiehdu daqshekk.*
Xhud: *Hekk hu. Hekk hu.*
Avukat Dottor Deborah Mercieca: *Hekk hu. U inti ppretendejt li kellek tiehu aktar.*
Xhud: *Mela. Seba' (7) snin maghha jiena, billejl u binhar.*
Il-Qorti: *Sewwa.*
Xhud: *Ghax binhar kont inkun fejnha jien, dejjem jien.*
Avukat Dottor Deborah Mercieca: *Issa.*
Xhud: *Ma kien ikun hemm hadd 'l bicca l-kbira binhar, ghax jien kelli garaxx. Biex nara x'inhu jigri.'*

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi minn dak kollu suespost u mill-provi kollha fl-atti li taghhom din il-Qorti bl-ebda mod ma ppruvat taghmel sommarju ezawrjenti stante li pjuttost voluminuzi, li izda rat kelma b'kelma, din il-Qorti hija konvinta li sa mis-sena 2008 'il quddiem dawk li kienu jrendu verament servigi lill-mejta Josephine Axiak kienu l-konvenuti u mhux l-atturi. Din il-Qorti tqis ukoll li l-hin kollu li l-atturi kienu jqattghu fid-dar ta' Josephine Axiak huma kienu jaghmluh principalment ghal zewg ragunijiet cioe' ghaliex kienu ferm aktar komdi hemm milli fir-residenza taghhom u sabiex joqghodu ghassa ta' xulxin u ta' terzi li ma jmurx xi hadd jikkonvinci lil ohthom taghmel testment li ma joghgobx lilhom. Il-Qorti ma tqisx li l-intenzjoni tal-atturi kienet li jithallsu ta' xi servigi izda li jizguraw li jigri x'jigri jkunu huma li jirtu lil ohthom u mhux xi hadd iehor. Tant hu hekk li anki l-ahwa kienu ghassa ta' xulxin ghal xi 'trick' fi kliem l-istess attur ta' wiehed minnhom sabiex isir testment bil-mohbi tal-iehor.

Illi din il-Qorti hija sodisfatta li gie pruvat lilha li filwaqt li l-atturi ma rrendew l-ebda servigi partikolari lil ohthom ghajr li kienu ghassa taghha ma tmurx taghmel xi testment li ma jghogobhomx, ohthom stess fuq is-sodda tal-mewt taghha sabiex izommhom kuntenti (minghalija) hallitilhom legat ta' nofs id-dar ta' residenza taghha, li mill-atti jirrizulta li kienet l-ass prinicipali taghha ghajr ghall-flus li kien baqa' depozitati fil-bank, liema legat ghal kull wiehed mill-atturi ghandu l-valur ta' mill-anqas hamsa u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm25,000) ekwivalenti ghal madwar tmienja u hamsin Elf euro (€58,000).

Illi l-qorti ma tabqilx mat-tezi mqajma mill-atturi li fit-testment taghha d-*decuius* ma semmietx li l-legat kien wiehed remuneratorju bl-intenzjoni li s-servigi rezi mill-atturi jithallsu '*over and above*' dak il-legat izda tqis li d-*decuius* ma semmiet l-ebda servigi rezi lilha min-naha tal-atturi ghaliex verament dawn ma rrendew l-ebda servigi lilha tul l-ahhar snin ta' hajjitha ghajr li ghamlulha hajjitha mizerja ghassa taghha li thallilhom kollox. Fil-fatt fl-istess testment a fol. 9 d-*decuius* irrikonoxxiet is-servigi rezi mill-konvenuti u tqis li din hija prova ohra li ssahhah il-konkluzjoni ta' din il-Qorti li mill-atti ma jirrizultax li l-atturi rrendew servigi ghaliex altrimenti bhalma d-*decuius* semmiet is-servigi tal-konvenuti ma kienx hemm xejn xi jwaqqafha milli ssemmi fl-istess testment wkoll dawk rezi mill-atturi. Il-Qorti izda temfasizza li din hija biss prova mill-hafna fl-atti li kkonvincew lil din il-Qorti li l-atturi ma rrendew l-ebda servigi lil ohthom Josephine Axiak. Il-Qorti hija konvinta li din il-kawza saret mill-atturi unikament u bhala tpattija mal-konvenuti ghaliex ma kienux kuntenti b'dak li hallitilhom ohthom fit-testment stante li ppretendew li ohthom thalli kollox lilhom u mhux lill-konvenuti. Min-naha l-ohra rrizulta lil din il-Qorti, b'applikazzjoni wkoll tal-principji hawn fuq enuncjati fil-kawza **Frances Mizzi et. vs. Rose Ann Galea** illi kienu l-konvenuti b'livell kbir ta' mpenn u dedikazzjoni pprestaw servizzi lil Josephine Axiak, illi kienu s-servigi rezi mill-konvenuti li ppermettew li kwazi sal-ahhar ta' jum ta' hajjitha Josephine Axiak (kif kienet ix-xewqa taghha) tibqa' tghix fid-dar taghha u mhux tispicca f'dar tal-anzjani, kienu l-konvenuti li kienu jaghtu mill-hin taghhom sabiex jipprovdu ghat-tisjir tal-ikel, tehid ta' pirmli fil-hin, hasil u ndafa personali tad-*decuius,* kienu l-konvenuti li ssagrifikaw hafna mill-hin taghhom sabiex jikkuraw u jiehdu hsieb ta' Josephine Axiak billi anki kienu jorqdu maghha fl-istess kamra anki b'sagrificcju kbir ghall-familji taghhom. Min-naha l-ohra l-agir tal-atturi kien iservi kwazi kwazi bhala xkiel ghall-kura tal-istess ohthom u mhux ta'

ghajnuna bhal meta ppretendew li l-konvenuti jieqfu jmorru jghinu l-ohthom meta ohthom regghet bdiet timxi u dan unikament sabiex ikollhom kontroll assolut fuq ohthom u mhux ghaliex kienu kapaci jiehdu hsiebha huma.

In vista ta' dak kollu suespost, il-Qorti tqis li l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw lil din il-Qorti l-pretensjoni taghhom li huma rrendew servigi, kuri u assitenzi lil ohthom Josephine Asciak li jimmeritaw xi tip ta' kumpens, wisq anqas kumpens ezorbitanti bhalma hi l-pretensjoni taghhom ta' tmenin elf Euro (€80,000) b'dana li ser tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha attrici.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mill-konvenuti limitatament ghall-perjodu qabel it-30 ta' April, 2009 u tichadha fil-bqija;

2. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u tichad it-talbiet kollha attrici.

Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur